**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ħamis, ħamsa (5) ta' Diċembru 2024

Kawża Nru 44/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Mario Sciberras)***

Vs

**Dion Lia**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Dion Lia**, iben Spiridione u Charmaine nee' Grima, imwieled, Pieta, Malta nhar il-ħamsa (5) ta' Ġunju 1997 u residenti f'numru mija u erbgħa u għoxrin (124), Triq il-Ħamri, Għajnsielem, Għawdex, detentur tal-karta

tal-identita' bin-numru 0222997(M) talli b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-liġi jew disposizzjonijiet relatati tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda bejn iż-żmien ta' Settembru 2024 u d-disgħa (9) ta' Ottubru 2024 ġewwa Sant' Anna, Flat 1, Triq il-Ġnien, Għajnsielem, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

(1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-ex-sieħba tiegħu Shana Francesca Sant f'periklu ċar, ikkaġunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħha, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif iccertifikat minn Dr Christina Govus nru.6782 tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex;[1]

(2) uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar sabiex iġiegħel lill-ex-sieħba tiegħu Shana Francesca Sant, tagħmel, tħalli ssir, jew tonqos milli tagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet ta' omm uliedu jew jiżola tali persuna jew jillimitalha l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg, liema delitt twettaq kontra il-konjuġa jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, ripetutament, fil-preżenza ta' minuri u ikkaġuna offiża psikoloġika fuq omm uliedu Shana Francesca Sant;[2]

(3) bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lill-ex-sieħba tiegħu Shana Francesca Sant biza' li ser tintuża vjolenza kontrijha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa

[1] Artikolu 214, 251, 221, 222(1)(a), 202(h)(iv) tal-Kap. 9.
[2] Artikolu 251(1), 251H(a)(b)(d)(h) tal-Kap. 9

subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta, meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża', liema delitt twettaq kontra konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel u ripetutament fil-preżenza ta' minuri u ikkaġuna offiża psikoloġika fuq il-vittma;[3]

(4) volontarjament kiser il-paċi pubblika u, jew il-bon ordni b'għajjat u, jew ġlied;[4]

(5) u aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ħebb kontra l-persuna ta' Shana Francesca Sant sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodici Kriminali;[5]

(6) inġurja jew hedded lill-omm uliedu Shana Francesca Sant jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.[6]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex titratta dan il-każ bħala wieħed ta' vjolenza domestika, skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[3] Artikolu 251B(1)(2), 251H(a)(b) tal-Kap. 9.
[4] Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.
[5] Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9.
[6] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba biex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Shana Francesca Sant u għal uliedha Aurora Lia, Nova Rain Lia u Elijah Lia ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Shana Francesca Sant u lil uliedha Aurora Lia, Nova Rain Lia u Elijah Lia billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-uffiċjal Prosektur;

Semgħet ix-xhieda tal-parte civile Shana Francesca Sant fejn hija irrinunzjat għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużat u iddikjarat wkoll li ma kinitx sejra tixhed biex ma tinkriminax lilha inniffisha peress li b'rabta mal-istess allegat inċident hija għandha proċeduri kriminali fil-konfront tagħha. L-istess parte civile wriet ix-xewqa wkoll li lanqas tixhed kontra missier uliedha;

Ikkunsidrat;

Ix-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni f'dan il-każ kienet indubbjatament il-parte civile. Pero la darba din għażlet li tirrinunzja għall-azzjoni kriminali u kif wkoll għażlet li lanqas tixhed, din il-Qorti hija sprovvista mill-provi dwar l-akkadut. Il-fatt li l-parte civile irrinunzjat għall-azzjoni kriminali iwassal sabiex l-azzjoni kriminali għar-rigward l-ewwel (1), il-ħames (5) u s-sitt (6) akkuża jiġu estinti. Għar-rigward il-kumplament tal-akkużi m'hemmx provi suffiċjenti li jissostanzjaw l-akkadut.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti:

(a) qiegħda tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward tal-ewwel (1), il-ħames (5) u s-sitt (6) akkuża stante li l-parte civile irrinunzjat għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużat;

(b) għar-rigward it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba (4) akkuża stante li dawn ma rriżultawx, il-Qorti qed tillibera lill-akkużat minn dawn l-akkużi u minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft.) Joseph Grech

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur